# AVVIŻ TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Dan l-avviż qiegħed jingħata skont l-artikolu 63 tal-Istatut ("**l-Istatut**") ta' APS Bank plc ("**il-Kumpanija**") għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija ("**il-Laqgħa**") li qiegħda tissejjaħ għal nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju 2024 fis-sitta ta' filgħaxija (1800hrs) ġewwa il-Westin Dragonara Resort, Triq id-Dragunara, San Ġiljan, Malta.

Skont l-artikolu 65 tal-Istatut, dan l-Avviż ("**l-Avviż**") għandu jiġi ċċirkulat lis-segwenti (a) azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-membri tal-Kumpanija miżmum mas-*Central Securities Depository* tal-Borża ta' Malta ta' nhar id-9 ta' April 2024 ("**ir-*Record Date***) ("**l-Azzjonisti**"); (b) Diretturi tal-Kumpanija; u (ċ) Awdituri tal-Kumpanija.

Is-segwenti dokumenti ġew inklużi ma' dan l-Avviż: (1) aġenda tal-Laqgħa; (2) Bijografija; (3) ċirkulari lill-Azzjonisti datata nhar it-18 ta' April 2024 ("**iċ-Ċirkulari**"), (4) *Remuneration Policy*, (5) Formula ta' Prokura; u (6) il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend. Kopja tad-dokumenti hawn fuq imsemmija, ir-Rapport Annwali tal-Kumpanija tas-sena 2023 (li jinkludi r-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023, flimkien mar-rapporti tad-diretturi u tal-awdituri), u kull dokument relevanti għal-Laqgħa, ser ikunu disponibbli fuq is-sit tal-Kumpanija: **https://www.apsbank.com.mt/investor-relations/**

Int tista' titlob li tirċievi kopja stampata tar-Rapport Annwali billi tiktbilna fuq l-indirizz elettroniku **investor.relations@apsbank.com.mt**

## AĠENDA TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

L-aġenda tal-Laqgħa ser tkun kif hawn taħt indikat. Waqt il-Laqgħa, il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija ("**il-Bord**") ser ikun qiegħed jipproponi numru ta' riżoluzzjonijiet għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Azzjonisti. L-iskop wara kull proposta u, fejn applikabbli, il-lingwaġġ propost tar-riżoluzzjoni, qiegħed jiġi hawn taħt indikat ħdejn kull entrata tal-aġenda.

**Aġenda Numru 1:** **Ħatra taċ-Chairman u Ftuħ tal-Laqgħa**

**Aġenda Numru 2:** ***Quorum***

***XOGĦOL ORDINARJU – RIŻOLUZZJONIJIET ORDINARJI***

**Aġenda Numru 3:** **Approvazzjoni tar-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2023**

Proposta: Il-Bord jipproponi illi r-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2023, flimkien mar-rapporti tad-diretturi u tal-awdituri, jiġu approvati.

**Aġenda Numru 4:** **Dikjarazzjoni ta' Dividend**

Proposta: Il-Bord jirrakkomanda illi l-Laqgħa tiddikjara dividend finali gross ta' €0.022 għal kull sehem ordinarju, li jammonta għal €8,500,000 (dividend finali nett ta' €0.015 għal kull sehem ordinarju, jew €5,500,000), għas-sena li għalqet fil-31 ta' Dicembru 2023, liema dividend għandu jitħallas fil-forma ta' *scrip* jiġifieri jew (i) bi ħlas tas-somma dovuta fi flus, jew (ii) permezz ta' ħruġ ta' ishma ġodda, skont kif jagħżel kull Azzjonist.

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3A taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 5:** **Ħatra u ħlas tal-Awdituri**

Proposta: Il-Bord, kif rakkomandat mill-*Audit Committee* tal-Kumpanija, jipproponi li d-ditta 'Deloitte Audit Limited' tiġi maħtura mill-ġdid bħala l-awdituri tal-Kumpanija sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali tal-2025. Il-Bord jipproponi wkoll li jiġi awtorizzat jiffissa l-ħlas tal-awdituri.

**Aġenda Numru 6:** **Ħatra tad-Diretturi**

Skont l-artikolu 109 tal-Istatut, il-ħatra tad-diretturi tispiċċa mat-tmiem tal-Laqgħa. Minkejja li kull direttur jibqa' eliġibbli li jerġa' jinħatar għal terminu ieħor, is-Sur Victor E. Agius ser ikun qiegħed jirtira għal kollox mill-Bord u mhux ser joffri ruħu li jerġa' jiġi maħtur.

Għaldaqstant, il-Bord jixtieq jinforma lill-Azzjonisti illi s-Sur Martin Scicluna, il-Professur Juanito Camilleri, Dott.ssa. Laragh Cassar, is-Sur Michael Pace Ross, is-Sur Joseph Rapa u Dott. Joseph C Attard, li huma kollha eliġibbli biex ikomplu, ser jerġgħu jiġu maħtura diretturi u dan sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali tal-2025 skont l-artikoli 103 u 104 tal-Istatut. Dawn il-ħatriet saru mill-*Qualifying Shareholders* kif imfissra fl-Istatut, u ġew notifikati lis-Segretarja tal-Kumpanija permezz ta' ittra. Skont l-Istatut, il-*Qualifying Shareholders* innotifikaw permezz ta' ittra lis-Segretarja tal-Kumpanija illi huma kienu qegħdin jaħtru lis-Sinjura Leslie Janet Stephenson bħala direttur minflok is-Sur Victor E. Agius. Skont il-parir tan-*Nominations* and *Renumerations Committee* tal-Kumpanija, is-Sinjura Stephenson hija persuna mistħoqqa għall-kariga ta' direttur, ħatra li hija soġġetta għall-approvazzjoni tal-MFSA.

Barra minn hekk, wara sejħa maħruġa għal nomini ta' persuni sabiex jinħatru bħala diretturi skont l-Istatut, il-Kumpanija irċeviet żewġ nomini mingħand id-diretturi attwali, is-Sur Noel Mizzi u s-Sinjura Marisa Xuereb. Billi n-numru ta' nomini huwa ugwali għan-numru ta' postijiet vakanti, is-Sur Mizzi u s-Sinjura Xuereb awtomatikament ser jerġgħu jinħatru bħala diretturi sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-2025.

Minħabba hekk, mhux ser issir elezzjoni tad-diretturi billi n-numru massimu ta' membri tal-Bord skont artikolu 9(a) tal-Istatut tal-Kumpanija ser ikun qed jintlaħaq.

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għal Anness 1 – Bijografija għal Aġenda Numru 6 għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 7:** **Ħlas tad-Diretturi**

Proposta: Il-Bord jipproponi illi l-ħlas massimu aggregat li jista' jingħata lid-diretturi tal-Kumpanija fi kwalunkwe sena finanzjarja għandu jkun dak ta' €700,000.

***XOGĦOL SPEĊJALI – RIŻOLUZZJONIJIET ORDINARJI***

**Aġenda Numru 8:** ***Remuneration Policy***

Proposta: Ir-*Remuneration Policy* kif stipulata fiċ-Ċirkulari tittieħed bħala moqrija u approvata.

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3B taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 9:** ***Remuneration Report***

Proposta: Illi r-*Remuneration Report*, skont il-Kapitolu 12 tal-*Capital Markets Rules* maħruġa mill-MFSA, kif stipulat fir-rapport annwali tal-Kumpanija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023 jittieħed bħala moqri u approvat.

*Nota:* *Ir-Remuneration Report qiegħed jiġi ppreżentat lil-Laqgħa għall-vot konsultattiv (mhux vinkolanti) kif mitlub mill-Capital Markets Rules. Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3Ċ taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 10:** ***Rights issue* u l-awtorità lid-Diretturi sabiex joħorġu ishma bil-għan li jwettqu *rights issue***

Għan: Il-Kumpanija bi ħsiebha toħroġ ishma ordinarji ġodda, lill-azzjonisti tagħha, u lill-pubbliku in ġenerali, liema ħruġ għandu jseħħ fi żmien sena mid-data ta' din il-Laqgħa (ir-"***Rights Issue***"). Ladarba jinħarġu dawn l-ishma ordinarji l-ġodda, jiżdiedu fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u jkunu jiffurmaw parti mill-klassi eżistenti ta' ishma ordinarji bi drittijiet ugwali u li jimxu *pari passu* mal-ishma eżistenti. Aktar informazzjoni dwar ir-Rights Issue titħabbar iżjed 'il quddiem.

Għalhekk il-Bord qiegħed jipproponi li l-Kumpanija fil-Laqgħa Ġenerali tawtorizza lill-Bord sabiex joħroġ ishma ordinarji ġodda f'ammont massimu ta' mhux aktar minn 50% tal-kapital azzjonarju li jkun hemm fid-data u ż-żmien meta ssir ir-*Rights Issue*. Din l-awtorità għandha tibqa' valida sa tmiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija tal-2025. Sabiex il-Bord ikun jista' jipproċedi bir-*Rights Issue*, il-Bord qiegħed jitlob ukoll l-approvazzjoni tal-Azzjonisti sabiex jgħollu l-kapital azzjonarju awtorizzat tal-Kumpanija, u dan skont ir-riżoluzzjoni f'Aġenda Numru 13.

Għaldaqstant il-Bord jipproponi li fil-Laqgħa din ir-riżoluzzjoni ordinarja tiġi addottata:

Proposta: *"(1) Li, bl-approvazzjonijiet regolatorji kollha meħtieġa, il-Bord tad-Diretturi (bil-poteri sħaħ ta' delega) jkun awtorizzat li jwettaq rights issue jew serje ta' rights issues, fuq tali kundizzjonijiet u fi żmienijiet li jidhirlu xieraq, u li:*

*a) joħroġ u jalloka numru ta' ishma ordinarji ġodda b'tali prezz, u fuq termini li l-Bord hekk jiddetermina, sa l-ammont massimu ta' mhux aktar minn 50% tal-kapital azzjonarju li jkun hemm fid-data u ż-żmien meta ssir ir-Rights Issue;*

*b) jiddetermina l-allocation policy fir-rigward ta' kwalunkwe ishma ordinarji ġodda mhux sottoskritti minn dawk l-azzjonisti eliġibbli li jipparteċipaw fir-rights issue;*

*c) jwettaq kull azzjoni u jesegwixxi tali dokumenti kollha neċessarjiji sabiex ir-rights issue jew serje ta' rights issues tiġi mwettqa, u ssir l-allokazzjoni ta' dawn l-ishma ordinarji ġodda kif stipulat fil-paragrafi (a) u (b) hawn fuq;*

*(2) Li l-awtorizzazzjoni hekk stabbilita' f'paragrafu (1) hawn fuq, tibqa' valida mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li għandha ssir fl-2025, u li din l-awtorizzazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju (i) għall-awtorità mogħtija lill-Bord sabiex joħroġ kwalunkwe numru ta' ishma hekk permess mir-regoli tal-executive share incentive plan (ESIP) tal-Kumpanija, sal-valur tal-kapital azzjonarju awtorizzat permezz ta' riżoluzzjoni approvata fil-laqgħa ġenerali tat-28 ta' April 2022; u (ii) bla ħsara għall-approvazzjoni tar-riżoluzzjoni f'Aġenda Numru 11, l-awtorità mogħtija lill-Bord sat-tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2025 sabiex jinħarġu ishma bil-għan li tiġi mwettqa deċiżjoni li jitħallas scrip dividend; u*

*(3) Li s-segretarja tal-kumpanija tiġi awtorizzata toħroġ estratt iċċertifikat tal-minuti hekk miżmuma fil-Laqgħa (flimkien mar-riżoluzzjoni preċedenti) sabiex jingħata lill-Malta Business Registry għar-reġistrazzjoni kif meħtieġ."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3D taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

***XOGĦOL SPEĊJALI - RIŻOLUZZJONIJIET STRAORDINARJI***

**Aġenda Numru 11:** **Awtorità lid-Diretturi sabiex joħorġu ishma, speċikifament sabiex ikunu jistgħu jħallsu *scrip* dividend, u jikkapitalizzaw qligħ**

Għan: Sabiex il-Kumpanija tkun tista toħroġ ishma ġodda, biex jitħallas *scrip* dividend li tippermetti Azzjonist jagħżel li jirċievi ishma ġodda minflok is-somma dovuta tad-dividend fi flus, il-Bord jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzawh joħroġ ishma sal-valur tal-kapital azzjonarju awtorizzat tal-Kumpanija, liema setgħa tibqa' tgħodd sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2025.

Il-Bord jipproponi wkoll li skont l-artikolu 155 tal-Istatut u għall-għan biss li jiġi mwettaq ħlas *ta' scrip* dividend, jiġi awtorizzat u mogħti s-setgħa, sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-2025, li jikkapitalizza ammont li jinsab fir-riżerva tal-profitti tal-Kumpanija, u joħroġ ishma li għandhom jiġu allokati, imqassma u mogħtija bħala kollha mħallsa lill-Azzjonisti tal-Kumpanija.

Jekk din ir-riżoluzzjoni tgħaddi, u bl-approvazzjoni skont l-Aġenda Numru 4 kif spjegat hawn fuq, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lill-Bord skont din ir-riżoluzzjoni ser jintużaw ħalli jiġi kkapitalizzat sa €5,500,000 mill-qligħ tal-Kumpanija bil-għan li jinħarġu sa 10,000,000 sehem ordinarju, lil dawk l-Azzjonisti li jidhru fir-reġistru tal-membri tal-Kumpanija miżmum mas-*Central Securities Depository* tal-Borża ta' Malta ta' nhar id-9 ta' April 2024 u li jagħżlu li jirċievu d-dividend tagħhom bħala *scrip*.

Għaldaqstant il-Bord jipproponi li fil-Laqgħa din ir-riżoluzzjoni straordinarja tiġi addottata:

Proposta: *"(1) Li, skont l-artikolu 85 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386, tal-Liġijiet ta' Malta), u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-Kumpanija permezz tal-artikolu 4(a) ta' l-Istatut tal-Kumpanija (l-"Istatut"), il-Bord tad-Diretturi (b'poteri sħaħ ta' delega) ikun hekk awtorizzat li joħroġ u jalloka tali numru ta' Ishma (kif spjegat fl-Istatut), s'issa mhux maħruġa, hekk kif iddeterminat mill-Bord tad-Diretturi sal-valur tal-kapital azzjonarju awtorizzat tal-Kumpanija b'mod limitat għall-fini tal-ħruġ ta' ishma wara deċiżjoni li jitħallas scrip dividend fejn Azzjonist jista' jagħżel li jirċievi d-dividend, kollu jew parti minnu, f'ishma minflok ħlas fi flus;*

*(2) Illi, b'mod limitat għall-għan imsemmi u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Att Bankarju (Kap. 371, tal-Liġijiet ta' Malta), il-Bord tad-Diretturi (bil-poteri kollha ta' delega) jkun awtorizzat u mogħti s-setgħa għall-fini ta' l-artikolu 155 ta' l-Istatut, li jikkapitalizza ammont li jinsab fil-kreditu tal-kontijiet ta' riżerva jew fil-kreditu tal-profitt u kont tat-telf tal-Kumpanija, u li għalhekk dik is-somma tiġi allokata, imqassma u kkreditata bħala kollha mħallsa, lil dawk it-tali Azzjonisti li l-Bord jidhirlu xieraq.*

*(3) Li l-awtorizzazzjonijiet imsemmija f'paragrafi (1) u (2) hawn fuq ikunu validi mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li għandha ssir fl-2025 u li dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-awtorità mogħtija lill-Bord sabiex joħroġ kwalunkwe numru ta' ishma permessi mir-regoli tal-executive share incentive plan (ESIP) tal-Kumpanija sal-valur tal-kapital azzjonarju awtorizzat skont riżoluzzjoni approvata fil-laqgħa ġenerali tat-28 ta' April 2022 u (ii) bla ħsara għall-approvazzjoni tar-riżoluzzjoni f' Agenda Numru 10, l-awtorita' mogħtija lill-Bord sat-tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li għandha ssir fl-2025 sabiex jinħarġu u jiġu allokati tali numru ta' Ishma, għalissa mhux maħruġa, sa ammont massimu ta' mhux aktar minn 50% tal-kapital azzjonarju li jkun hemm fid-data u ż-żmien meta ssir ir-Rights Issue b'mod limitat għall-għan tal-Kumpanija li twettaq rights issue jew serje ta' rights issues simili; u*

*(4) Li s-segretarja tal-kumpanija tiġi awtorizzata toħroġ estratt iċċertifikat tal-minuti hekk miżmuma fil-Laqgħa (flimkien mar-riżoluzzjoni preċedenti) sabiex jingħata lill-Malta Business Registry għar-reġistrazzjoni kif meħtieġ."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3E taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 12:** **Tiġdid tal-awtorità lid-Diretturi sabiex joħorġu titoli ta' dejn**

Għan: Sabiex tkun tista' ssaħħaħ l-ħtiġijiet kapitali u finanzjarji tal-Kumpanija, inkluż fejn dawn jirriżultaw minn talbiet regolatorji, il-Kumpanija jista jkollha bżonn toħroġ titoli ta' dejn minn żmien għal żmien.

Għal dan il-għan, fil-laqgħa ġenerali tal-Kumpanija tas-sena 2023 l-Azzjonisti awtorizzaw u taw is-setgħa lill-Bord li jkun jista joħroġ sa €150,000,000 f'valur nominali ta' *bonds*, obbligazzjonijiet jew titoli oħra ta' dejn, u biex japplika għal dawn il-*bonds*, obbligazzjonijiet jew titoli oħra ta' dejn li għandhom jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew kwalunkwe Suq Regolat ieħor. Din l-awtorizzazzjoni ngħatat sat-tmiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija tal-2024, u għalhekk ser tiskadi. Matul dan il-perjodu, il-Kumpanija ħarġet €50,000,000 f'valur nominali ta' *bonds*. Għalhekk il-Bord qiegħed jipproponi lill-Azzjonisti jġeddu l-awtorizzazzjoni lill-Bord sabiex ikun jista' joħroġ sa €100,000,000 f'valur nominali ta' *bonds*, obbligazzjonijiet

jew titoli oħra lill-pubbliku, liema awtorizzazzjoni għandha tibqa' valida sat-tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2025.

Għaldaqstant il-Bord jipproponi li fil-Laqgħa din ir-riżoluzzjoni straordinarja tiġi addottata:

Proposta: *"(1) Li, skont l-artikoli 5 u 99(g) ta' l-Istatut tal-Kumpanija (l-"Istatut"), il-Bord tad-Diretturi (il-"Bord") jiġi awtorizzat li (i) joħroġ sa €100,000,000 f'valur nominali ta' bonds, obbligazzjonijiet jew titoli oħra ta' dejn (it-"Titoli ta' Dejn"), fuq dawk it-termini li l-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu biss, jiddetermina; u (ii) li japplika sabiex dawn it-Titoli ta' Dejn jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew f'xi Suq Regolat ieħor;*

*(2) Li l-Bord għandu jkun awtorizzat u jkollu s-setgħa li jieħu kull azzjoni li tista' tkun meħtieġa sabiex l-awtorizzazzjoni mogħtija f'paragrafu (1) tiġi effettwata; u*

*(3) Li l-awtorizzazzjonijiet hekk mogħtija f'paragrafi (1) u (2) hawn fuq ikunu validi sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li għandha ssir fl-2025."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3F taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 13:** **Emendi għall-Memorandum u l-Istatut tal-Kumpanija**

Għan: Il-Bord jipproponi l-approvazzjoni ta' ċerti emendi fil-memorandum u l-istatut tiegħu (l-"**M&A**"). L-emendi jittrattaw: (i) iż-żieda tal-kapital azzjonarju awtorizzat tal-Kumpanija għal €250,000,000, maqsuma f'1,000,000,000 sehem ordinarju li għandu valur nominali ta' €0.25 għal kull sehem; (ii) it-tnaqqis għal 8% tal-ishma li jikkostitwixxu "*Qualifying Shareholding*"; u (iii) bidliet relatati mal-kompożizzjoni tal-Bord tad-Diretturi, primarjament: (a) żieda fin-numru minimu u massimu ta' diretturi fuq il-Bord; (b) il-ħatra awtomatika tal-Kap Eżekuttiv tal-Kumpanija bħala direttur eżekuttiv fuq il-Bord; u (iv) l-awtorità tal-Bord li jgħażel b'*co-option* direttur f'ċirkostanzi definiti. Abbozz tal-memorandum u l-istatut tal-Kumpanija li jirriflettu l-bidliet proposti huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Kumpanija (https://www.apsbank.com.mt/investor-relations).

Għaldaqstant il-Bord jipproponi li fil-Laqgħa din ir-riżoluzzjoni straordinarja tiġi addottata:

Proposta: *"(1) Li l-emendi kollha għall-Memorandum u l-Istatut tal-Kumpanija kif proposti jiġu approvati; u li l-istess Memorandum u l-Istatut tal-Kumpanija jiġi sostitwit fl-intier tiegħu, bħall-abbozz disponibbli fuq il-websajt tal-Kumpanija fit-18 ta' April 2024 ("**M&A l-Ġdid**"); u*

*(2) Tawtorizza lis-segretarja tal-Kumpanija u/jew lil xi direttur ieħor tal-Kumpanija, li jaġixxi waħdu, biex (i) jagħmel kwalunkwe emenda fl-M&A l-Ġdid kif ordnat mill-Malta Business Registry; (ii) tiffirma l-M&A l-Ġdid f'isem il-Kumpanija; (iii) toħroġ estratt iċċertifikat ta' din ir-riżoluzzjoni; u (iv) tippreżenta l-M&A l-Ġdid u l-estratt imsemmi hawn fuq mal-Malta Business Registry, u/jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra, kif jista' jkun meħtieġ skont il-liġi."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3Ġ taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni dwar l-emendi proposti.*

**ĦATRA TAL-PROKURATURI**

L-Azzjonisti huma avżati li huma intitolati li jattendu u jivvutaw fil-Laqgħa msemmija hawn fuq personalment, jew permezz tal-ħatra ta' prokuratur (li m'hemmx għalfejn jkun Azzjonist tal-Kumpanija). Il-ħatriet tal-prokuraturi għandhom isiru bil-miktub bl-użu tal-Formola ta' Prokura mehmuża ma' dan l-Avviż. Jekk jogħġbok irreferi għan-Noti tal-Laqgħa fil-ktejjeb għal aktar informazzjoni dwar kif timtela u tintbagħat l-Formola ta' Prokura, inkluż d-data sa meta għandha tintbagħat il-Formola.

*Sad-data ta' dan l-Avviż, il-Kumpanija għandha 377,803,569 sehem ordinarju fil-ħruġ (vot wieħed għal kull sehem).*

***

Fuq ordni tal-Bord.



**Dr Graziella Bray**
Segretarja tal-Kumpanija
18 ta' April 2024